MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 16/1993/1

**Joseph Debono u John Camilleri**

**vs**

**Avukat Dr. Victor Bajada u b'digriet tat-13 ta' Ġunju 2012 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Louise Bajada f'isimha u bħala kuratriċi proviżorja ta' binha Christian Bajada u Carmen Bajada stante l-mewt tal-attur Dr. Victor Bajada fil-mori tal-kawża; u Joseph Vella**

Il-Qorti,

Rat ic-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi fit-3 ta' April, 1991, l-partijiet daħlu f'konvenju ai termini ta' liema l-konvenuti ppromettew u obbligaw ruħhom illi jbiegħu u jittrasferixxu lill-atturi, li ppromettew u obbligaw ruħhom li jixtru u jakkwistaw f'porzjonijiet indaqs u indivisament bejniethom, porzjoni diviża mill-art imsejħa "Taż-Żewwieqa", fil-limiti ta; Għajnsielem, sive tal-Imġarr, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka 89,920 metri kwadri, bil-kundizzjonijiet l-oħra msemmija fl-imsemmi konvenju hawn anness u mmarkat Dok. A;

Illi l-pjanata tal-art in vendita li kellha tiġi annessa mal-konvenju kienet fil-pussess tal-Perit Ray Demicoli, u kellha tiġi kkonfermata u ffirmata mill-partijiet fi żmien erbat ijiem mid-data tal-konvenju, sabiex tiġi verifikata l-konsistenza tal-istess art;

Illi għalkemm l-atturi talbu diversi drabi lill-konvenuti jersqu għall-iffirmar tal-istess pjanta, anke permezz ta' ittra uffiċċjali tas-27 ta' Novembru, 1992, hawn annessa u mmarkata Dok. B, l-konvenuti baqgħu inadempjenti;

Illi fuq il-konsistenza tal-art il-partijiet qatt ma kellhom jew għandhom nuqqas ta' qbil, iżda permezz ta' ittra uffiċċjali responsiva tal-1 ta' Diċembru, 1992, annessa u mmarkata Dok. C, il-konvenuti allegaw illi llum ma huma obbligat jagħmlu xejn fil-konfront tal-atturi;

Illi fi kwalunkwe każ, il-validita' ta' konvenju in ġenerali u ta' dan in partikolari ma kenitx soġġetta għall-annessjoni tal-imsemmija pjanta, iżda l-pjanta kienet biss mezz ta' vierifika ulterjuri tal-kejl approssimattivi imsemmi fil-konvenju, tal-art li l-atturi kienu raw li l-konvenuti obbligaw ruħhom li jbiegħulhom;

Illi, bħala riżultat tan-nuqqas tal-konvenuti kif suespost, it-terminu tal-konvenju ta' bejn il-partijiet ġie sospiż minn erbat ijiem wara d-data li fih sar l-istess konvenju, u għandu jerġa jibda jiddekorri għal perjodu massimu ta' sentejn u tliet xhur nieqer erbat ijiem minn dakinhar li fih il-konvenuti, jew minn għalihom, jiffirmaw l-pjanta.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Tikkundannhom sabiex fi żmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti jersqu għall-iffirmar tal-pjanta fil-pussess Ray Demicoli a tenur tal-imsemmi konvenju;

2. Tappunta kuraturi deputati u tiffissa lok, jum u ħin għall-iffirmar tal-istess fl-eventwali kontumaċja tal-konvenuti;

3. Tiddikjara t-terminu tal-konvenju sospiż mis-7 ta' April, 1992, u li l-imsemmi terminu għandu jerġa' jibda jiddekorri minn dakinhar li l-pjanta fuq imsemmija tiġi ffirmata mill-konvenuti jew il-kuraturi deputati, skont il-każ, għal perjodu ta' sentejn u tliet xhur, nieqes erbat ijiem.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tas-27 ta' Novembru, 1992.

Il-konvenuti inġunti in subizzjoni.

B'riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi, konfermata bil-ġurament ta' Joseph Debono.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew :

1. Illi d-domandi attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi l-konvenuti ma humiex tenuti jiffiraw il-"pjanta" imsemmija fiċ-ċitazzjoni (li del resto ma hija pjanta xejn imma sempliċi site plan) u dana billi fit-terminu pattwit fil-konvenju ċioe' fi żmien erbat t'ijiem il-konvenuti ma qablux mal-atturi dwar il-konsistenza tal-art u għalhekk l-konvenuti baqgħu ma ffirmawx l-istess billi huma ma kienux fi grad li jikkonfermaw u jiffirmaw l-istess pjanta;

3. Illi infatti l-konsistenza tal-art kienet ħaġa ta' importanza kardinali għall-konvenju imsemmi billi l-konvenuti riedu jgħatu garanzija tal-paċifiku pussess ta' dak li kien ser ibiegħu u del resto meta si tratta minn raba pjanta ċara u korretta u li fuqha jaqblu ossija qablu l-partijiet konċernati, l-vendituri minn naħa u l-kumpraturi proposti minn naħa l-oħra kienet l-iktar ħaġa ta' importanza billi si tratta tal-oġġett innifsu tal-vendita proprosta;

4. Ilil infatti l-konvenju imsemmi fiċ-ċitazzjoni llum ma għadux iżjed vinkolanti bejn il-partijiet billi fit-terminu pattwit il-partijiet baqgħu ma qablux fuq l-oġġett tal-proposta vendita;

5. Illi l-konvenuti qatt ma jistgħu jiġu kkundannati jaqblu ma dak li umanament ma jistgħux jaqblu billi sabiex jaqblu l-konvenuti reidu u jridu ikunu ċerti minn dak li jiffirmaw għalieh stante li si tratta mill-oġġett innifsu tal-vendita, ħaġa li fuqha propost venditur irid jagħti l-garanzija tal-paċifiku pussess;

6. Illi infatti wara l-iffirmar tal-ftehim tat-3 ta' April 1991, il-konvenuti sabu li ma setgħux jaqblu mal-konsistenza tal-art kif pretisa mill-atturi u l-partijiet baqgħu ma qablux bejniethom dwar dan u t-terminu pattwit li fih kellhom jaqblu dwar l-istess konsistenza skada;

7. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti maħlufa minnhom.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti[1] li permezz tagħha eċċepew:

Illi l-konvenuti jitolbu l-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju bil-ġudizzju billi ma saret ebda talba sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati

[1] A fol. 39 – 40 tal-process

jaddivjenu għall-kuntratt pubbliku finali u billi ai termini tal-klawsola Numru 4 (erba) il-kuntratt pubbliku finali kellu jsir sa massimu ta' sentejn u tlett xhur mid-data tal-konvenju u ċioe' sat-3 ta' Lulju 1993, illum tesisti il-kasrenzatal-interess fl-atturi li jkomplu l-istess kawża billi llum qatt ma jistgħu jiġu kkundannati li jaddivjenu għall-iffirmar tal-kuntratt pubbliku finali stnate li t-terminu massimu llum skada mingħajr ebda interuzzjoni.

Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id- id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti dwar din l-Eċċezzjoni ulterjuri maħlufa minn Dr. Bajada.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Mejju 2014 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu li:

(i) l-konvenuti jiġu ordnati jiffirmaw pjanta li tissemma f'konvenju magħmul bejn il-partijiet;

(ii) jiġu appuntati kuraturi għall-kontumaċi biex ikun assikurat li tiġi ffirmata din il-pjanta; u

(iii) jiġi sospiż it-terminu għall-iskadenza ta' dan il-konvenju sakemm tiġi ffirmata l-istess pjanta.

Il-konvenuti qed jirreżistu għal dawn it-talbiet għal diversi raġunijiet:

(i) il-konvenju tilef il-validita' tiegħu wara l-iskadenza tal-erbat ijiem imsemmija f'waħda mill-klawsoli tal-istess konvenju li fih kellha tiġi ffirmata din il-pjanta;

(ii) il-pjanta mhix sodisfaċenti, għaliex tinkludi art li huma ma jistgħux jiggarantixxu l-paċifiku pussess tagħha; u

(iii) fi kwalunkwe każ, il-konvenju tilef l-effetti kollha tiegħu wara l-iskadenza tat-terminu stabilit biex fih isir il-kuntratt relattiv, u għalhekk l-atturi ma fadlilhomx interess ġuridiku biex jippromuovu din il-kawża.

Fin-Nota tal-Osservazzjonijiet responsiva tagħhom tat-3 ta' Frar 2014, il-konvenuti qajmu dubbju dwar ir- reġistrazzjoni tal-konvenju mertu tal-kawża a tenur tal-artikolu 3(6) tal-Kap.364. Billi din hija kwistjoni ta' ordni pubbliku, l-Qorti tat l-opportunita' lill-atturi sabiex jagħtu l-veduti tagħhom f'dan ir-rigward, qabel ma kellha tipproċedi bil-prolazzjoni tas-sentenza.[2] Permezz ta' Nota tat-30 ta' Mejju 2014 l-atturi ppesentaw kopja tar-riċevuta maħruġa mid-Dipartment tat-Taxxi Nterni dwar din ir-reġistrazzjoni,[3] u għalhekk din il-kwistjoni illum tisbab sorvolata.

Il-fatti fil-qosor li taw lok għal din il-kawża kienu s-segwenti :

Fit-12 ta' Mejju 1987 il-konvenuti Dr. Bajada u Joseph Vella kienu laħqu ftehim ma' kumpanija maltija (Abba Development Limited) sabiex jiżvilupaw flimkien territorju ta' tmenin tomna fiż-Żewwieqa, limiti ta' Għajnsielem, Għawdex. Għal dan il-għan ġie ffirmat konvenju bi bih il-konvenuti ntrabtu li jittrasferixxu lil din il-kumpanija nofs diviż minn dan

[2] Ara verbal tal-udjenza tal-1 ta' April 2104
[3] A fol.351 tal-process

it-territorju f'każ li jinħarġu l-permessi meħtieġa.[4] Dan il-ftehim pero' wara xi żmien sfaxxa fix-xejn. L-avukat dottor Pio Valletta, li kien qed jassisti lill-kumpanija f'dan in-negozju sar jaf li l-atturi presenti kienu nteressati fi proġett bħal dan, u ressaqhom lejn il-konvenuti. Saret laqgħa twila fit-3 ta' April 1991 u ntlaħaq ftehim li l-konvenuti din id-darba jbiegħu lill-atturi t-territorju kollu li kellhom bejniethom iż-Żewwieqa, dejjem bil-kondizzjoni li jinħarġu l-permessi tal-bini. Il-prezz kellu jkun ta' Lm450,000 f'każ li l-kuntratt finali jsir fi żmien sena, b'żieda ta' Lm30,000 jekk isir wara, u sa sentejn u tlett xhur mid-data tal-iffimar tal-konvenju.[5] Għalkemm il-proposti komparturi ġew murija l-art li kienu ser jixtru, dakinhar ħadd mill-partijiet ma kellu f'idejh pjanta tat-territorju nvolut, u għalhekk fil-paragrafu fejn ingħatat deskrizzjoni tal-art li kellha tiġi trasferita, wara li ngħata l-kejl u l-irjiħat, tniżżlu dawn il-kelmiet speċifiċi:

*"…**indikata fuq pjanta fil-pussess tal-perit Ray Demicoli liema pjanta għandha tiġi ikkonfermata u iffirmata mill-partijiet fiż-żmien erbat ijiem mil-lum sabiex tiġi verifikata l-konsistenza tal-istess art għas-sodisfazzjon tal-partijiet,**…"*[6]

Il-parti ċċitata minn dan il-paragrafu fil-konvenju hija l-qofol tal-kwistjoni kollha presenti. Dan għaliex, filwaqt illi l-atturi marru l-uffiċċju tal-perit Demicoli u ffirmaw il-pjanta li wrihom,[7] il-konvenuti baqgħu qatt ma ffirmawaha, għax isostnu li din m'hi pjanta xejn, imma sempliċi *site plan* meħuda minn *survey sheet* tal-Gvern u minnha ma setgħux jivverifikaw l-estensjoni preċiża tat-territorju kollu li kienu ser jittrasferixxu. Dan bil-konsegwenza li ma setgħux jagħtu garanzija tal-paċifiku pussess tal-art indikata bħala tagħhom fuq l-istess *site plan*. L-atturi jsostnu li raġuni vera għaliex il-konvenuti baqgħu ma ffirmawx il-pjanta kienet li riedu jaħbu parti sostanzjali mill-prezz indikat fuq il-kuntratt biex jevitaw it-taxxa, ħaġa li huma ma aċċettawx, u għalhekk b'dan il-mod il-konvenuti kienu qed jittentaw jisfrattaw il-ftehim. Dan pero' ġie kategorikament miċħud mill-konvenuti.

---

[4] Ara kopja ta' dan il-konvenju esebit bhala Dok.PV 2 a fol 259 -260

[5] Ara kopja awtentikata ta' dan il-konvenju esebita bhala Dok.PGP 1min-Nutar Paul G.Pisani li rredigieh, a fol. 202- 203

[6] Ara kopja tal-konvenju a fol.202

[7] Ara original ta'din il-pjanta esebita min-Nutar Dr.Paul Pisani, bhala Dok. PGP 3 a fol. 209

Għas-soluzzjoni tal-kwistjoni li qajmet din il-klawsola fil-konvenju ndikat, trid tiġi stabilita n-natura tal-obbligazzjoni stipulata. L-atturi jostnu li l-konvenuti huma obbligati jiffirmaw din il-pjanta, għax din kienet *obbligazione di fare,* u peress li ma ffirmawhiex fl-erbat ijiem miftehma, kienu qegħdin ipoġġuhom *in mora* permezz tal-ewwel talba tagħhom f'din il-kawża. Jiċċitaw a favur tat-teżi tagħhom l-artikolu 1130(1) tal-Kodiċi Ċivili:

"**Jekk l-obbligazzjoni tkun li wieħed għandu jagħti jew jagħmel, u fil-ftehim ikun ġie stabilit żmien, id-debitur jiġi mqiegħed 'in mora' bl-egħluq biss ta' dak iż-żmien**." [8]

Min-naħa l-oħra l-konvenuti jtennu li n-nuqqas tal-iffirmar tal-pjanta da parti tagħhom ġab *ipso iure* u mingħajr il-ħtieġa ta' ebda azzjoni oħra, ix-xoljiment ta' kwalunkwe obbligazzjoni assunta minn kull wieħed mill-partijiet. In sostenn tal-fehma tagħhom jiċċitaw l-artikolu 1058(1) fis-sens illi:

**"Meta obbligazzjoni ssir taħt il-kondizzjoni li għandha tiġri ġrajja f'ċertu żmien, dik il-kondizzjoni titqies li ma seħħitx jekk jagħlaq iż-żmien mingħajr ma l-ġrajja tkun ġrat."** [9]

Fil-fehma tal-Qorti dan l-artikolu ċċitat mill-konvenuti mhux applikabbli għall-każ in eżami, għaliex hawnhekk m'għandniex ġrajja bbażata fuq xi fattur indipendenti mir-rieda tal-kontraenti, bħal ma kienet il-kondizzjoni dwar il-ħruġ tal-permessi għall-bini.[10] Anzi kien jiddependi biss mill-kontraenti li jmorru jiffirmaw il-pjanta msemmija. Imma l-liġi ma tippermettix obbligazzjonijiet li jiddependu biss mir-rieda ta' dak li jobbliga ruħu.[11] Fuq artikolu identiku għal tagħna fil-liġi taljana,[12] il-**Giorgi**

[8] Ara Nota tal-Osservazzjonijet responsiva tagħhom tal-1 ta' Frar 1995 a fol. 64 -71
[9] Ara Nota tal-Osservazzjonijiet tal-atturi tat-28 ta' Frar 1994 a fol. 50 - 56
[10] Ara klawsola (3) tal-konvenju
[11] Art.1056(1) tal-Kap.16
[12] Art.1162 tal-Kodici l-antik

jispjega li b'dan l-artikolu l-liġi *"ha limitato la nullita' della obbligazione potestativa al mero arbitrio, disgiunto da qualsiasi fatto esteriore."*[13] Fil-każ in eżami l-partijiet ma bbażawx l-obbligazzjoni assunta fil-klawsola in kwistjoni fuq is-sempliċi rieda tagħhom, imma kkwalifikawha bil-kondizzjoni li kellha ssir il-verifika tal-konsistenza tal-art in vendita a sodisfazzjon tagħhom.

Jidher għalhekk illi kif sewwa jsostnu l-atturi din kienet obbligazzjoni *di fare,* imma mhux waħda *pure e semplice*, għax kellha marbuta magħha ċerti kondizzjonijiet li riedu jiġu sodisfatti qabel ma jsiru l-firem. Kif ifisser l-istess awtur hawn ċitat: *"Se l'obbligazione sia di fare, l'adempimento del debitore consistera' nello effettuare la prestazione dovuta… La obbligazione pone il debitore nella necessita' giuridica di effetuare quella prestazione, qualunqe essa sia, che ne costituisce l'oggetto. Ma la necessita' giuridica essendo necessita' puramente morale, non ha costringimento perfetto; e lascia pero' al libero arbitrio del debitore la possibilita' di non rispettala, di non adempiere cioe' l'obbligazione… puo' anche avvenire, che un ostacolo indipendente dal fatto positive o negattivo del debitore, e superiore alle sue forze, gli impedisca di adempiere l'obbligazione, e lo renda suo malgardo inadempiente. L'obbligazione dunque puo' pur troppo, rimanere inadempita; e due ordini diversi di cause puo' avere l'inadempimento: cause dipendenti dal fatto del debitore; cause da questo fatto non dipendenti. Or bene, se l'inadempiemnto ha per causa il fatto del debitore, produce a carico del debitore medesimo alcune conseguenze, … Se al contrario riconosce per causa quelli eventi, che sono estranei al fatto del debitore, le accennate conseguenze non si verificano, e l'obbligazione rimane estinta come non fosse mai nata."*[14]

Kienu korretti għalhekk l-atturi illi, sa fejn l-obbligazzjoni dwar l-iffirmar tal-pjanta in kwistjoni kienet waħda *di fare,* interpellaw lill-konvenuti biex imorru jiffirmawha wara li laħaq skada ż-żmien imsemmi fil-konvenju, permezz tal-ittra uffiċċjali tas-27 ta' Novembru 1992,[15] imbagħad bl-intavolar tal-kawża presenti, u dana ħalli jqegħduhom *in mora* a tenur tal-artikolu 1130(1) ċitat hawn fuq.

[13] Teoria Delle Obbligazioni 6ta ed. 1904 vol.IV para. 298 pag.361
[14] Op. cit. Vol.II, para. 4 – 6 pag. 5 – 7
[15] Ara kopja esebita bhala Dok.B a fol. 10

Il-Giorgi jispjega f'dan ir-rigward illi:

*"… gli altri effetti piu' comuni e piu' importanti della mora, siano a carico del creditore, siano a carico del debitore, si verificano soltanto nel ritardo imputabile: vogliamo dire, in quel ritardo, il quale avvenendo dopo che il creditore o il debitore hanno la certezza di non potere altimenti contare sulla tolleranza di chi deve pagare o ricevere, e' dalla legge accompagnato con una presunzione di colpa. In quel ritardo… ove il moroso non provi la esistenza di una legittima scusa…Del rimanente la presunzione di colpa, non essendo* ***iuris et de iure****, ammette prova contraria a tutto carico del moroso, il quale voglia giusificarsi. …Se poi ci si domanda, con quale criterio debba procedersi per distinguere un caso dall'altro, risponderemo essere questione le piu' volte* ***de bono et aequo*** *da rilasciarsi al prudente abitrio del giudice;…".* [16]

Fil-każ in eżami l-konvenuti qed isostnu li qatt ma setgħu jiffirmaw il-pjanta tal-perit Demicoli li ġiet ippresentata lilhom, u dan għaliex fl-ewwel lok din ma kienet pjanta xejn imma sempliċi kopja fotostatika ta' parti minn *survey sheet* tal-Gvern, u fuq territorju estensiv bħal dak in vendita ma setgħux isiru verifiki preċiżi a bażi ta' 'pjanta' bħal dik. Terġa' ġew ukoll prodotti provi dokumentarji u anke permezz ta' xhieda li kkonfermaw li dik il-'pjanta' kienet tinkludi art li ma kienitx tappartjeni lill-vendituri, imma kienet art pubblika.[17] Meta l-'pjanta' tal-perit Demicoli tiġi mqabbla mal-pjanta esebita mir-rappresentant tad-Dipartiment tal-Artijiet, kif ukoll ma' dik fuq skala ikbar redatta ukoll mill-perit Demicoli, imma li ma kienitx ippresentata lill-partijiet għall-firem,[18] jirriżulta li tassew il-pjanta in kwistjoni kienet qed tinkudi biċċa art fuq il-littoral tal-baħar li kienet proprjeta' tal-Gvern, u preċiżament dik il-parti fejn fuq il-pjanta l-kbira hemm imqabbad il-*breakwater* proġettat tan-naħa tal-lemin għal min ikun qed iħares lejn il-pjanta.

Irriżulta mid-deposizzjoni tal-perit Demicoli, li kien ġie inkarigat mill-kumpanija li oriġinarjament kienet ser takkwista l-art taż-Żewwieqa mingħand il-konvenuti, li huwa qatt ma kien mar fuq il-post biex ikejjel l-art taż-Żewwieqa, u kien straħ fuq l-informazzjoni li kienu għaddewlu r-

[16] Op. vol.II.para 44 -45 pag.71 - 73
[17] Ara pjanta Dok.B esebita a fol. 265 u deposizzjoni ta' Dr.Marlin Vella u Sergio Muscat a fol. 278
[18] Dok.PV 1 a fol. 258

rappresentanti tal-istess kumpanija biex japplika għall-permessi tal-iżvilupp.[19] Żgur għalhekk illi tal-inqas f'dan ir-rigward, anke jekk ma ġiex ippruvat li din il-pjanta setgħet inkludiet ukoll xi partijiet mit-territorju li l-konvenut Vella kien żamm għalih, kif dan tal-aħħar kien qed jissuspetta,[20] il-konvenuti kienu ġustifikati ma jiffirmawx il-pjanta li l-atturi ngħataw mill-perit Demicoli. Ġialadarba l-obbligazzjoni tagħhom dwar l-iffirmar tal-pjanta kienet kondizzjonata mill-verifika tal-pjanta a sodisfazzjon tagħhom, qatt ma setgħu u lanqas jistgħu jiġu mġegħla jiffirmaw tali pjanta sakemm ma jkunux ċerti li dik il-pjanta tassew tirrapresenta b'mod korrett u preċiż l-estensjoni u l-konfini tat-territorju ta' madwar tmenin tomna li kienu ser jittraferixxu lill-atturi. F'tali ċirkostanzi l-konvenuti lanqas kienu f'posizzjoni jagħtu l-garanzija tal-paċifiku pussess li l-liġi tobbliga lill-venditur jipprovdi fuq kull kuntratt ta' bejgħ, anke għax irriżulta bil-provi li mhux l-art kollha ndikata fuq il-pjanta li kellhom jiffimaw il-partijiet, kienet tappartjeni lilhom.

Safejn għalhekk l-obbligu tal-iffirmar kien marbut ma' pjanta speċifika, u ċioe' dik li kienet tinsab għand il-perit Demicoli, u mhux xi oħra li setgħu jipproduċu l-partijiet jew xi ħadd minnhom, ma kien hemm u lanqas għad hemm ebda skop li t-terminu stipulat fuq l-istess konvenju għall-pubblikażjoni tal-kuntratt finali relattiv jibqa' sospiż, kif qed jitolbu l-atturi, sakemm isir l-iffirmar tal-pjanta da parti tal-konvenuti, issa li ġie stabilit li dawn ma jistgħux jigu mġegħla jiffirmaw din il-pjanta.

Hekk ukoll billi m'hemmx lok għas-sospensjoni tat-terminu għall-pubblikażżjoni tal-kuntratt finali, il-perijodu stipulat fil-konvenju, (massimu ta' sentejn u tliet xhur mid-data tal-konvenju), jiġi li dan it-terminu baqa' għaddej sa mill-ġurnata tat-3 ta' April 1991. Peress li dan il-konvenju ma nżammx validament fis-seħħ għax ma ġietx segwita l-proċedura kontemplata fl-artikolu 1357 (2) tal-Kodiċi Ċivili, infatti qatt ma ntbagħatet xi ittra ġudizzjarja lill-konvenuti biex jersqu għall-kuntratt qabel ma skada dan it-terminu u wisq inqas saret il-kawża relattiva fi żmien xahar mill-iskadenza ta' dan it-terminu, għax fil-kawża presenti m'hemm l-ebda talba f'dan is-sens, kif tajjeb issottomettew il-konvenuti fl-

[19] Ara deposizzjoni tiegħu a fol.183
[20] Ara depsoizzjoni tiegħu a fol.219 - 222

eċċezzjoni ulterjuri tagħhom, minn meta skada dan it-terminu fit-3 ta' Lulju 1993, naqas ukoll l-interess ġuridiku fl-atturi din il-kawża, billi dan l-interess irid jibqa' attwali tul il-kors kollu tal-proċeduri.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------